*Kif ħarġet l-aħħar nota ta' mogħdrija,*
*Puċċini lemaħ illi d-dgħajsa kienet*
*dieħla ġol-blat. qabad malajr l-imqadef,*
*u beda jaqdef.*

*Is-Setgħa kbira li fix-xitwa tgelgel*
*l-ilma minn ġol-miżieb kienet telqitu;*
*il-kelb lemaħ wiċċ sidu qed jiċċara,*
*u bi tbissima.*

*U qadfu lejn id-dar, u dik il-lejla*
*instemgħet fuq il-pjanu ġewwa l-villa*
*tħannina ġdida, ħliqa ġdida ġdida,*
*li kellha tibqa'*

*Tittajjar ġewwa l-arja dwar id-dinja,*
*tibki bħar-rożinjol kull fil-għaxija*
*il-ġrajja msejkna ta' tfajliet bla xorti*
*sa jmut il-qamar.*

27/6/52. A. Buttigieg.

## WAĦDI TLAJT

*Waħdi tlajt*
*l-għoljiet xemxija*
*taż-żgħorija;*
*ħadd ma qalli*
*x'għandi nsib......*
*b'għod...... jew qrib.*
*Waħdi sibtha l-lehma tiegħi*
*dak inhar li tgħannqet miegħi*
*is-Sbuħija ! !*
*Lejl u nhar,*
*Ġunju...... Frar......*
*Kollox xorta minn għalina*
*basta l-ħajja dejjem ħajja.*
*Hekk għaddew......*
*leħħu...... ntfew......*
*l-isbaħ snin*
*minn ġuf dinja qerridija*
*misruqin.*
*'Ma fil-ħarba ta' snin twal*
*tbiddlu d-dwal......*
*Kollox jagħti fis-sewdieni......*

*Aktarx tinsa l-lewn ewlieni......*
*'Ma s-Sbuħija għadha miegħi,*
*taqsam ferħ u dwejjaq tiegħi......*
*Għadni dejjem, dejjem jien,*
*anki jekk kiebi w għajjien —*
*il-Poeta taż-Żgħorija,*
*il-Poeta tas-Sbuħija!*

1952. R. BRIFFA.

## NIFTAKAR

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa' xatt il-baħar,*
*Tiżwiq ta' kwien u ħdura......*
*Kollox, kollox niftakar:*

*Meta hienja r-rebbiegħa*
*Qabżet bil-ferħ ġo fija,*
*Meta ġo ħbub għajnejja*
*Dehret titbissem dija:*

*L-Imħabba, qisha xbiha*
*Ta' ħolma ftit mistura;*
*Tiċċara, 'mbagħad, u tieħu*
*Ta' warda mbexxqa s-sura;*

*Sakemm f'għodwa sabiħa*
*Naraha tqum fuq ġenbejha,*
*Tixgħel tbissima f'fommha,*
*Iħammar bħal nar f'ħaddejha.*

*Bħal meta n-naħla, msakkra*
*Bil-għasel ta' ġol-fjura,*
*Ferrieħa tfeġġ u tifrex*
*Ġwinħajha kollha sfura,*

*Hekk xorbot qalbi, u ssakkret*
*Minn fuq xuftejn l-Imħabba;*
*Ferrieħa, mbagħad, hi xxaħxħet,*
*Ma ratx in-nar li trabba:*

*L-abjad irħam, l-avorju,*
*Is sbuħija ta' laħamha,*
*Fis tbiddlet f'nar li dewweb*
*Ġisimha qisu xema'.*